Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/2108(INI)

16.7.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2024/2108(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Loránt Vincze

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. ***[kumitati li jagħtu opinjonijiet]***;	36. ***Jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern tar-Renju Unit li jistabbilixxi mill-ġdid ir-relazzjoni tiegħu mal-UE u jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li s-sikurezza taċ-ċittadini għadha kruċjali fl-ambitu ta' dan l-approċċ il-ġdid***; ***itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa kontinwa tal-ftehimiet eżistenti bejn ir-Renju Unit u l-UE, inklużi l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Qafas ta' Windsor; jilqa' l-ispinta pprovduta mid-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Fehim Komuni dwar aġenda mġedda għall-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, adottati mir-Renju Unit u mill-Kummissjoni fl-ewwel summit bejn l-UE u r-Renju Unit fid-19 ta' Mejju 2025, f'termini ta' infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja mtejba f'materji kriminali, kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tar-riskji u tat-theddid mid-drogi, u kooperazzjoni approfondita rigward l-isfidi maħluqa mill-migrazzjoni irregolari;***

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Jilqa' l-impenn reċiproku li jiġu rispettati d-dritt internazzjonali u l-

	Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) espress mill-Prim Ministru tar-Renju Unit u mill-President tal-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom tat-2 ta' Ottubru 2024 rigward it-titjib tal-kooperazzjoni strateġika u fid-Dikjarazzjoni Konġunta tas-summit tal-UE u tar-Renju Unit fid-19 ta' Mejju 2025; ifakkar li l-kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni tat-Tielet Parti, kif stipulati taħt l-Artikolu 524(1) tal-FKK, huma r-rispett li ilu jeżisti għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż dawk stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-KEDB, kif ukoll l-importanza li d-drittijiet u l-libertajiet żgurati fil-KEDB jingħataw effett domestikament; itenni li dawn il-kundizzjonijiet iridu jiġu ggarantiti bis-sħiħ sabiex il-FKK jiġi applikat u implimentat;

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36b. Jilqa' l-impenji, stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Konġunta u fil-Fehim Komuni, għal ħidma flimkien aktar mill-qrib fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni, it-traffikar tad-drogi, il-kriminalità organizzata serja u tranżnazzjonali, u t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluża d-dimensjoni online tagħhom, billi tiġi implimentata t-Tielet Parti tal-FKK aktar malajr, b'mod aktar effettiv u aktar profond u billi jiġi sfruttat bis-sħiħ u jkompli jiġi żviluppat il-potenzjal tiegħu;

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36c. Jilqa' l-konklużjoni tar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-2024 li l-implimentazzjoni tal-FKK fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja ħadmet mingħajr xkiel matul is-sena li għaddiet;

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36d. Jilqa', b'mod partikolari, il-fatt li, sa tmiem l-2024, l-Istati Membri kollha u r-Renju Unit kienu taw lil xulxin aċċess għall-bażijiet tad-data nazzjonali tagħhom tad-DNA għal tiftix awtomatizzat, f'konformità mal-Artikolu 530 tal-FKK; jilqa' l-fatt li, sa tmiem l-2024, ir-Renju Unit kien għamel 22 konnessjoni għal dak li jirrigwarda l-marki tas-swaba' u kien lest jiffinalizza l-ħamsa li kien fadal; jirrikonoxxi l-ambizzjoni, stabbilita fil-Fehim Komuni, għall-partijiet biex isaħħu l-iskambji komuni u reċiproċi ta' data dwar il-marki tas-swaba', id-DNA, u r-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u jesploraw l-estensjoni tal-iskambju tad-data għall-immaġnijiet tal-wiċċ għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, filwaqt li jissottolinja li l-iskambji eżistenti u estiżi jiddependu miż-żamma ta' standard għoli ta' protezzjoni tad-data u l-iżgurar li l-qafas legali li qed jevolvi tar-Renju Unit jibqa' kompatibbli mar-rekwiżiti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36e. Ifakkar fil-beneficċju reċiproku u fil-ħtieġa ta' infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja b'saħħithom biex jiġu indirizzati l-isfidi kondiviżi f'oqsma bħall-operazzjonijiet ta' kontra t-terroriżmu, il-ħasil tal-flus u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar ta' bnedmin; jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib tar-Renju Unit ma' aġenziji ewlenin tal-UE bħall-Europol, il-Eurojust u l-Frontex;

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36f. Jilqa' l-fatt li l-Gvern tar-Renju Unit żied il-preżenza tal-Aġenzija Nazzjonali ta' Kontra l-Kriminalità tar-Renju Unit fil-Europol u li qed jaħdem, f'sens usa', favur relazzjoni aktar mill-qrib mal-Europol, inkluż fir-rigward tal-kapaċità li d-data tiġi kondiviża f'ħin reali;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36g. Jieħu nota tar-rapporti annwali tal-Eurojust tal-2023 u l-2024 u jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tal-parteċipazzjoni u tal-involviment tar-Renju Unit fil-ħidma tal-aġenzija, fejn ir-Renju Unit kien il-pajjiż terz li ntalab l-

aktar spiss jipparteċipa f'każijiet ġodda miftuħa mill-uffiċċji nazzjonali fl-aġenzija fis-sentejn li huma;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36h. Jilqa' l-konklużjoni ta' arranġament ta' ħidma bejn il-Frontex u l-Uffiċċju tal-Intern tar-Renju Unit fl-2024 abbażi tal-impenn konġunt biex jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà filwaqt li jiġu rispettati l-obbligi tad-drittijiet fundamentali; jinsab fiduċjuż li dan l-arranġament se jtejjeb il-kooperazzjoni rigward il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà, inkluż l-istazzjonament ta' persunal għal dmirijiet ta' konsulenza u koordinazzjoni;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36i. Iħeġġeġ kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn in-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-aġenziji, inkluża l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u l-Frontex, u l-awtoritajiet rispettivi tar-Renju Unit, f'konformità mal-impenn meħud mill-partijiet fil-Fehim Komuni; iħeġġeġ il-konklużjoni ta' arranġament ta' ħidma dwar l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u l-awtoritajiet rilevanti tar-Renju Unit dwar ir-riskji u t-theddid mid-droga, sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-aġenzija;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36j. Jinnota l-isfidi kondiviżi li r-Renju Unit u l-UE jiffaċċjaw f'termini ta' migrazzjoni illegali; jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għall-involviment tal-partijiet li jikkooperaw aktar mill-qrib f'forums u proċessi multilaterali biex jiġġieldu kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni operazzjonali dwar ir-ritorni lejn pajjiżi terzi, u fl-esplorazzjoni ta' mekkaniżmi ta' deterrenza, f'konformità mad-dritt nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, filwaqt li jżommu l-impenn tagħhom li jiggarantixxu protezzjoni internazzjonali għal dawk li jeħtiġuha;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36k. Jinnota li l-Abbozz ta' Liġi l-ġdid dwar is-Sigurtà tal-Fruntieri, l-Ażil u l-Immigrazzjoni, introdott fil-Parlament tar-Renju Unit fit-30 ta' Jannar 2025, jipprevedi l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet mal-pajjiżi tal-G7 u mas-sħab Ewropej ewlenin biex jiġi miġġieled il-kuntrabandu; jilqa' x-xewqa tar-Renju Unit li jaħdem aktar mill-qrib ma' Stati Membri individwali, fosthom Franza u l-Grupp Calais, fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u traffikar ta' bnedmin, u b'mod usa', fir-rigward tat-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri, inkluża s-sorveljanza tal-fruntieri;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36l. Ifakkar li s-sistema ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit, kif stabbilita fit-Titolu VII tat-Tielet Parti tal-FKK, hija differenti minn dik prevista bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill fuq il-mandat ta' arrest Ewropew[1a]; ifakkar li fis-sentenza reċenti tagħha[1b], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jeħtiġilha twettaq eżami indipendenti tar-riskju ta' ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li l-persuna kkonċernata ssostni li tkun qed iġġarrab jekk tiġi kkonsenjata lir-Renju Unit;* ***[1a] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2022 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj). ***[1b] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster, C-202/24, ECLI:EU:C:2024:649.***

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36m. Ifakkar li t-Tielet Parti tal-FKK tippermetti flussi estiżi ta' data bejn l-UE u r-Renju Unit, bħall-iskambju ta' data dwar id-DNA, data dwar ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri u informazzjoni dwar ir-rekords kriminali; jissottolinja,

	għalhekk, li huwa tal-akbar importanza li r-Renju Unit jiżgura li l-livell ta' protezzjoni jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak provdut mill-UE sabiex jiġi evitat li l-istandards tal-UE, u għaldaqstant id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, jitqiegħdu f'riskju meta d-data tiġi kondiviża mar-Renju Unit;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36n. Jinnota r-riforma li tinsab għaddejja tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit permezz tal-Abbozz ta' Liġi dwar id-Data (Użu u Aċċess), li tintroduċi firxa ta' bidliet sostantivi fid-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data tar-Renju Unit; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li din ir-riforma ma twassalx għal dgħufija tal-protezzjonijiet għall-individwi li d-data personali tagħhom tiġi pproċessata fir-Renju Unit, b'mod partikolari meta d-data toriġina mill-UE; jinnota li l-Kummissjoni pproponiet l-adozzjoni ta' estensjoni ta' sitt xhur taż-żewġ deċiżjonijiet ta' adegwatezza tal-2021 mar-Renju Unit; jinnota li din l-estensjoni tiggarantixxi l-fluss liberu tad-data mar-Renju Unit sas-27 ta' Diċembru 2025, li jippermetti ż-żmien meħtieġ biex fir-Renju Unit jiġi konkluż il-proċess leġiżlattiv dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar id-Data (Użu u Aċċess), introdott fil-Parlament tar-Renju Unit fit-23 ta' Ottubru 2024, u għall-Kummissjoni biex tivvaluta l-leġiżlazzjoni adottata u tiddeċiedi dwar l-adegwatezza tagħha;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36o. Jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-kontinwazzjoni tal-eżistenza tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza bejn l-UE u r-Renju Unit hija essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati l-flussi transfruntiera tad-data u jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE jibqgħu jiġu rispettati fl-ambitu tal-FKK; jinnota li t-tiġdid ta' dawn id-deċiżjonijiet se jiddependi l-aktar fuq il-kontenut finali u l-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid tar-Renju Unit;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36p (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36p. Jieħu nota tal-Opinjoni 06/2025 tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), li tappoġġja estensjoni teknika u limitata fiż-żmien tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza tar-Renju Unit sas-27 ta' Diċembru 2025, unikament biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-implikazzjonijiet tar-riforma ladarba tiġi adottata; ifakkar li l-Kummissjoni hija meħtieġa timmonitorja l-iżviluppi rilevanti kollha fir-Renju Unit matul dan il-perjodu u tiżgura li kwalunkwe deċiżjoni ta' adegwatezza futura tkun ibbażata fuq evalwazzjoni komprensiva u aġġornata tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36q (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36q. Jissottolinja l-valur tad-djalogu kontinwu bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-governanza tal-intelliġenza artifiċjali (IA) biex jiġu promossi prinċipji kondiviżi u tiġi evitata l-frammentazzjoni regolatorja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern tar-Renju Unit jesploraw toroq għal kooperazzjoni strutturata dwar l-IA u għall-parteċipazzjoni fl-iffissar tal-istandards, u jikkunsidraw arranġamenti ta' rikonoxximent reċiproku għall-valutazzjoni tal-konformità;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36r (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36r. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' impenn iddedikat għall-kooperazzjoni fl-IA fil-Fehim Komuni dwar aġenda mġedda għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit, minkejja l-importanza strateġika li jitrawwem allinjament tranżnazzjonali dwar l-iżvilupp ta' IA affidabbli, u jfakkar li l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2024/1689 (l-Att dwar l-IA)[1a] jippermetti r-rikonoxximent tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti f'pajjiżi terzi taħt kundizzjonijiet speċifiċi u soġġett għal ftehim bejn l-UE u l-pajjiż terz ikkonċernat;
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139

u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36s (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36s. Jinnota li l-Artikoli 103-107 u 109 tal-Att dwar l-IA jemendaw il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-prodotti li tapplika fl-Irlanda ta' Fuq fl-ambitu tal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2025 biex jiġu inklużi ċerti dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA fl-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fir-regolamentazzjoni tal-oġġetti u tas-servizzi assoċjati fl-Irlanda ta' Fuq; jirrikonoxxi li allinjament regolatorju akbar f'oqsma bħas-sikurezza tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq jista' jgħin biex jappoġġja ċ-ċarezza legali u l-kontinwità tas-suq; jinkoraġġixxi djalogu kontinwu bejn l-UE u r-Renju Unit fil-qafas tal-Kumitat Konġunt, bil-ħsieb li jiġu identifikati approċċi reċiprokament aċċettabbli li jżommu standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u koerenza regolatorja;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36t (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36t. Ifakkar fil-ħtieġa li l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira jiġi rispettat bis-sħiħ fil-partijiet kollha tiegħu, kif iddikjarat fil-Ftehim dwar il-Ħruġ; ifakkar fl-impenn vinkolanti tar-Renju Unit, fl-ambitu tal-Artikolu 2 tal-Qafas ta' Windsor, biex jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda tnaqqis ta' drittijiet, salvagwardji u ugwaljanza ta' opportunitajiet, kif stabbilit fil-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira; jissottolinja li l-protezzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet hija essenzjali wkoll biex tinżamm il-fiduċja u l-kooperazzjoni fl-ambitu tal-FKK, b'mod partikolari f'oqsma bħall-infurzar tal-liġi, id-drittijiet tax-xogħol u l-aċċess għall-ġustizzja; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-konformità ma' dan l-obbligu u tinvolvi ruħha mal-awtoritajiet rilevanti tar-Renju Unit fejn jitfaċċaw riskji ta' rigressjoni tad-drittijiet; ifakkar li kwalunkwe emenda għas-sitt Direttivi tal-UE dwar l-ugwaljanza elenkati fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit trid tiġi riflessa fil-liġi tal-Irlanda ta' Fuq biex jiġi żgurat li d-drittijiet ma jitnaqqsux; jitlob li jsiru aktar sforzi biex tittejjeb ir-rappreżentanza demokratika ta' ċittadini tal-UE permezz ta' jedd it-twelid li jgħixu fl-Irlanda ta' Fuq;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36u (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36u. Jistieden lir-Renju Unit u lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet taċ-ċittadini jibqgħu prijorità konġunta ewlenija fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit, filwaqt li jiġi ggarantit li ċ-ċittadini kollha tal-UE u tar-Renju Unit, li għall-benefiċċju tagħhom ġie konkluż il-Ftehim dwar il-Ħruġ, ikunu jistgħu jgawdu bis-

	sħiħ id-drittijiet tagħhom; jinnota b'sodisfazzjon it-tiġdid tal-impenn kondiviż tal-UE u tar-Renju Unit għall-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u leali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fil-partijiet kollha tiegħu; jilqa' l-pass leġiżlattiv meħud mill-Gvern tar-Renju Unit relatat maċ-ċarezza legali għaċ-ċittadini tal-UE bi status li jippreċedi l-istatus ta' stabbilit fl-ambitu tal-iskema għall-kisba tal-istatus ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE u għandu fiduċja li se jiżgura tranżizzjoni bla xkiel għaċ-ċittadini minn residenza temporanja għal waħda permanenti matul is-sentejn li ġejjin; jirrimarka li l-Awtorità Indipendenti ta' Monitoraġġ għall-Ftehimiet dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini identifikat il-kondiviżjoni tad-data bejn l-UE u r-Renju Unit bħala qasam li jista' jikkawża dewmien fl-applikazzjonijiet tal-iskema għall-kisba tal-istatus ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE, meta l-Istati Membri jkollhom informazzjoni rilevanti għall-applikazzjoni; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jżidu r-risponsività tagħhom għat-talbiet u jiggarantixxu skambju aħjar ta' informazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-pajjiżi tal-UE, taż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles biex jipprevjenu d-dewmien u jiżguraw proċess ta' applikazzjoni bla xkiel għaċ-ċittadini;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36v (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***36v. Jilqa' l-impenn kondiviż espress fil-Fehim Komuni fir-rigward tal-istabbiliment ta' skema ta' esperjenzi għaż-żgħażagħ; iqis li l-partijiet għandhom ikunu ambizzjużi fl-iżvilupp tad-dettalji tal-iskema f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, it-tul tas-soġġorn u l-**

	attivitajiet koperti; iħeġġeġ bil-qawwa lir-Renju Unit, f'dan il-kuntest, juri li huwa miftuħ għall-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni f'dan il-qasam fl-2024; jemmen bis-sħiħ li ftehim dwar il-mobbiltà taż-żgħażagħ irid ikun komponent essenzjali ta' kwalunkwe reviżjoni futura tal-FKK;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36w (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36w. Iqis li skema bħal din għandha potenzjal sinifikanti li tispira ġenerazzjoni ġdida ta' żgħażagħ Ewropej u Brittaniċi billi trawwem skambji legali u interpersonali msejsa fuq valuri demokratiċi kondiviżi, fehim kulturali u fiduċja reċiproka, u li tista' twitti t-triq għal kooperazzjoni fit-tul, koeżjoni soċjali, u networks tranżnazzjonali aktar b'saħħithom fost iż-żgħażagħ; iħeġġeġ ukoll liż-żewġ naħat jikkunsidraw li jiffaċilitaw il-mobbiltà bejn ir-Renju Unit u l-UE anke lil hinn mill-iskema proposta ta' esperjenzi għaż-żgħażagħ;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36x (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36x. Jisħaq fuq il-benefiċċju komuni potenzjali ta' arranġamenti mtejba u reċiproċi ta' mobbiltà professjonali fuq terminu qasir; jaqbel mal-Kummissjoni li s-sistema ta' sponsorizzazzjoni tar-Renju Unit għall-għoti ta' viżi għal xogħol lill-fornituri tas-servizzi tal-UE hija wisq ikkumplikata u oneruża kemm għall-impjegaturi tar-Renju Unit kif ukoll għall-benefiċjarji tal-UE tal-viżi u

jistieden lir-Renju Unit jeżenta lill-fornituri tas-servizzi koperti mill-FKK mis-sistema ta' sponsorizzazzjoni; jistieden lir-Renju Unit ikompli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieled id-diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini tal-UE li jgħixu fir-Renju Unit;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li fl-opinjoni tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta'interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[11] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
UK Mission to the European Union

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

tagħhom u d-drittijiet marbuta ma’ dak l-ipproċessar.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	24.6.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 61 - : 0 0 : 12
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Giuseppe Antoci, Francisco Assis, Malik Azmani, Nikola Bartůšek, Saskia Bricmont, Krzysztof Brejza, Jaroslav Bžoch, Mélissa Camara, Susanna Ceccardi, Caterina Chinnici, Alessandro Ciriani, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Estrella Galán, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Evin Incir, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Chloé Ridel, Ilaria Salis Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Sander Smit, Petra Steger, Cecilia Strada, Tineke Strik, Georgiana Teodorescu, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Kristian Vigenin, Charlie Weimers, Sophie Wilmès, Ewa Zajączkowska-Hernik, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos.
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Fredis Beleris, David Casa, Laurent Castillo, Geadis Geadi, Monika Hohlmeier, Nikola Minchev, Hannah Neumann, João Oliveira, Leoluca Orlando, Oliver Schenk, Alexander Sell, António Tânger Corrêa, Pekka Toveri, Roberto Vannacci.
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Christian Doleschal, Pietro Fiocchi, Pär Holmgren, Andrey Kovatchev, Andrea Wechsler.

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

62	+
ECR	Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Geadis Geadi, Paolo Inselvini, Mariusz Kamiński, Assita Kanko, Georgiana Teodorescu
ESN	Alexander Sell, Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik
NI	Erik Kaliňák
PPE	Magdalena Adamowicz, Fredis Beleris, Krzysztof Brejza, David Casa, Laurent Castillo, Caterina Chinnici, Christian Doleschal, Lena Düpont, Monika Hohlmeier, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Verena Mertens, Nadine Morano, Ana Miguel Pedro, Oliver Schenk, Sander Smit, Tomas Tobé, Pekka Toveri, Andrea Wechsler, Javier Zarzalejos
PfE	Nikola Bartůšek, Jaroslav Bžoch, Susanna Ceccardi, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Petra Steger, António Tânger Corrêa, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva, Fabienne Keller, Moritz Körner, Michael McNamara, Nikola Minchev, Sophie Wilmès
S&D	Francisco Assis, Evin Incir, Marina Kaljurand, Murielle Laurent, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Kristian Vigenin, Alessandro Zan

0	-

12	0
ECR	Charlie Weimers
The Left	Giuseppe Antoci, Konstantinos Arvanitis, Estrella Galán, João Oliveira, Ilaria Salis
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Mélissa Camara, Pär Holmgren, Hannah Neumann, Leoluca Orlando, Tineke Strik

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni